16 ta' Ġunju, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giovanni Anastasi *versus* Salvatore Said et.

**Atti Ġudizzjarji — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Art. 175 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi proċedurali li tirrigwarda l-korrezzjoni* ***ta' l-****atti ġudizzjarji tawtorizza lill-Qorti li tordna jew tippermetti l-emenda ta' kwalunkwe skrittura, inkluż ċertament l-att taċ-ċitazzjoni, billi tneħħi l-isem ta' xi waħda mill-partijiet u tissostitwixxi ieħor f'loku, purkè dik l-emenda ma tbiddelx sostanzjalment l-azzjoni jew l-eċċezzjoni.*

*Dan ifisser li, meta hemm eċċezzjonijiet effettwanti l-meritu jew materji riflettenti fuq il-meritu, allura ma tistax issir il-korrezzjoni. u kwindi, trattandosi ta' eċċezzjoni, biex dik il-korrezzjoni ma tistax issir, trid tkun xi eċċezzjoni li taffetta l-meritu jew materji riflettenti fuq il-meritu. B'mod li meta l-eċċezzjoni ma tmissx il-meritu, u għalhekk l-azzjoni tibqa' sostanzjalment immutata, dik il-korrezzjoni tista' tiġi mill-Qorti ordnata jew permessa —* ***bħal*** *ma sar f'dan il-każ.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li

ppremetta illi hu u l-konvenuti Micallef, Pace u Licari, ġew nominati diretturi tas-soċjetà anonima "Industrial Development Organisation (Malta) Limited"; u li hu ġie nominat Managing Director, bid-dritt li jipperċepixxi 49% tal-profitti għall-perijodu ta' sena mis-27 ta' Frar 1952; u li l-promotur tas-soċjetà kien il-konvenut Said, u wara baqa' f'kuntatt dirett mad-diretturi, iżomm il-minuti tas-seduti u l-kontijiet, u jieħu parti fid-diskussjonijiet; u li s-soċjetà ma mxietx 'il quddiem minħabba l-aġir doluż u kolpuż tal-konvenuti, li ostakolaw ix-xogħol tas-soċjetà bi kwalunkwe manjera, u dana għad-detriment ta' l-attur; u li l-konvenuti, bi skop li jottjenu r-revoka tan-nomina ta' l-attur bħala Managing Director tas-soċjetà, taw informazzjonijiet lis-seduta ġenerali u lis-soċi li kienu foloz, u li minħabba fihom il-kunsens tas-soċi għar-revoka tan-nomina tal-konvenut ġie karpit; u li minħabba l-aġir doluż u kolpuż tal-konvenuti personalment, huwa sofra danni serji, għaliex ix-xogħol li sar kien ferm iżgħar minn dak li kien imissu sar, b'riperkussjoni diretta fuq il-profitti tas-soċjetà; u li l-perijodu tan-nomina ta' l-attur ġie terminat fit-12 ta' Ottubru 1952 minflok fis-27 ta' Frar 1953; u li għalhekk il-konvenuti Said, Micallef, Pace u Licari, huma responsabili għad-danni personalment u solidalment skond il-liġi; talab illi jiġi dikjarat u deċiż (1) illi l-informazzjonijiet mogħtija lill-assemblea ġenerali u lis-soċi fuq l-attur kienu ineżatti, u għalhekk il-votazzjoni tas-soċi tal-kumpannija fuq imsemmija, li biha fit-12 ta' Ottubru 1952 irrimwovew lill-attur mill-karika ta' Managing Director, ġiet karpita mill-konvenuti personalment; (2) illi l-konvenuti Said, Micallef, Pace u Licari, huma responsabili personalment u solidalment għad-danni kollha fuq riferiti, sofferti mill-istess attur għar-raġunijiet premessi, likwidabili f'ġudizzju separat. B'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni oħra kompetenti lill-istess attur, anki kriminali; u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' Settembru 1952, tat-30 ta' Settembru, u ta' l-24 ta' Ottubru, 1952;

*Omissis;*

Rat il-verbal in data 3 ta' Marzu 1953, li minnu jirriżulta illi l-attur talab illi l-isem tal-konvenut Dr. Fortunato Zam-

mit jiġi korrett, fis-sens li minfloku jitqiegħed l-isem ta' Lorenzo Zammit; u li l-konvenuti, ħlief Salvatore Said, għamlu oppożizzjoni għal din it-talba ta' l-attur;

Tikkunsidra, dwar l-inċident, wara li semgħet lid-difensuri u wara li rat in-noti tal-kontendenti;

Illi skond l-art. 175(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, "il-Qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, sew minn jeddha jew wara talba ta' waħda mill-partijiet, tordna jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta' waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor f'loku, inkella billi jissewwa żball fl-isem tal-partijiet jew tal-kwalità li fiha jidħru, jew żball ieħor, jew billi jiġu mdaħħla ukoll bil-mezz ta' nota separata, ħwejjeġ oħra dwar il-fatt jew il-liġi; basta li l-ebda tibdil bħal dan ma jkun ibiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni;

Illi, kwindi, l-imsemmija dispożizzjoni tawtorizza lill-Qorti tordna jew tippermetti l-emenda ta' kwalunkwe skrittura, inkluż ċertament l-att taċ-ċitazzjoni, billi tneħħi l-isem ta' xi waħda mill-partijiet u tissostitwixxi isem ieħor — dak appuntu li l-attur talab; purkè din l-emenda ma tbiddelx sostanzjalment l-azzjoni jew l-eċċezzjoni;

Illi — dak li del resto l-istess konvenuti fuq riferiti jammettu — il-fondament ta' din l-espressjoni "purkè b'hekk ma titbiddelx is-sustanza ta' l-azzjoni jew ta' l-eċċezzjonijiet" huwa illi, meta hemm eċċezzjonijiet affettanti l-meritu jew materji riflettenti fuq il-meritu, allura ma tistax issir il-korrezzjoni (Kummerċ, "Falzon vs. Edwards", Kollez. Vol. XXIX—III—265); u kwindi, trattandosi ta' eċċezzjoni, biex il-korrezzjoni ma tkunx tista' ssir, dik l-eċċezzjoni trid tkun waħda li tifferixxi s-sustanza ta' l-azzjoni, jiġifieri trid tkun "affettanti l-meritu jew materji riflettenti fuq il-meritu"; u għalhekk dik il-korrezzjoni tista' tiġi dejjem ordnata, jew permessa, meta l-eċċezzjoni ma tmissx il-meritu, u meta għalhekk l-azzjoni tibqa' sostanzjalment immutata. F'dan is-sens hija l-ġurisprudenza tagħna, u f'dan is-sens hija wkoll is-sentenza ċitata mill-imsemmijin konvenuti (P.A. "Azzopardi vs. Fabri", Vol. XXVIII—II—23);

U inveru, jekk wieħed jikkunsidra sewwa dik is-sentenza,

isib illi l-korrezzjoni jew aggunta li giet mitluba, ma gietx ordnata, jew permessa, ghar-raguni illi, kieku 'dik il-korrezzjoni giet ordnata jew permessa, kienet tigi eliminata eċċezzjoni li kienet tolqot il-meritu, billi kienet telimina l-eċċezzjoni ta' l-illegittimità tal-persuna li kienet tolqot u tferixxi "in modo vitale e sostanziale la efficacia e validità del protesto" — protest ipotekarju, bażi u fondament, f'dik il-kawża. ta' l-azzjoni ta' espropprjazzjoni in virtù ta' l-ipoteka;

Illi fil-każ preżenti ma jistax jinghad illi l-korrezzjoni mitluba tbiddel sostanzjalment l-azzjoni, li tibqa' l-istess wahda, u l-anqas l-eċċezzjonijiet; ghaliex ma tmurx kontra l-meritu, u ma taffettax materji li jistghu jirriflettu fuq il-meritu; fi kliem iehor — dak adoperat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Pace vs. Sciberras" (Koilez. Vol. XXVI—I—632) —"non ferisce la sostanża dell'azione avanzata". U l-indikazzjoni fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-iżball li l-attur ikun ghamel fl-att taċ-ċitazzjoni ma tipprekludix it-triq ghall-korrezzjoni mitluba, ghaliex, inveru, il-ligi li tippermetti korrezzjonijiet simili tippreżumi illi fl-intervall kollu qabel is-sentenza l-iżball ikun gie denunċjat lill-konvenut ("Falzon vs. Edwards". Kummerċ, XXIX—III—261; App. XXVI—I—633);

Ghal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba dedotta skond il-verbal fuq imsemmi, u tordna l-korrezzjoni fl-att taċ-ċitazzjoni bit-thassir ta' l-isem ta' Dottor Fortunato Zammit fost il-persuni konvenuti, u bit-tqeghid minfloku ta' l-isem ta' Lorenzo Zammit;

L-ispejjeż ta' l-inċident jissopportahom l-attur.

---